# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 405/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Adrian Lia Psaila**

Illum 23 ta' Frar 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Adrian Lia Psaila**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 274174(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. għax-xhur ta' Settembru 2021, Ottubru 2021, Novembru 2021 u Diċembru 2021, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Claire Perry u/jew lil uliedu s-

somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

2. wara li kien avżat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviż miktub mill-Pulizija sabiex jattendi fl-Għassa tal-Pulizija, sabiex jagħti dak it-tagħrif u/jew jieħu miegħu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni, naqas li jagħmel dan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 31 u 338(ż) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu tliet (3) xhur priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha **<u>tħassar u tirrevoka</u>** s-sentenza ta' nhar is-26 ta' Settembru, 2022 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Adrian Lia Psaila fejn dik l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal tlett (3) xhur priġunerija u konsegwentement tiddikjarah mhux ħati taż-żewġ (2) imputazzjonijiet u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena għar-raġunijiet hawn fuq premessi u, fin-nuqqas li tilqa' dan l-aggravju, tapplika piena inqas kiefra u ħarxa kif jidhrilha xierqa u opportun."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jgħid li l-aggravji tiegħu fir-rigward tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti huma s-segwenti:

- huwa naqas milli jħallas il-manteniment mhux b'kapriċċ jew sabiex jaħrab mill-obbligi tiegħu iżda minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari li jinsab għaddej minnhom;
- huwa qiegħed jagħmel minn kollox sabiex itejjeb il-qagħda finanzjarja tiegħu sabiex ikun jista' jonora l-obbligi tiegħu;
- il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija eżaġerata u ser tkompli tipprekludih milli jħallas il-manteniment.

Illi filwaqt li din il-Qorti tista' b'xi mod jew ieħor tissimpatizza mal-appellant fir-rigward ta' l-ewwel żewġ aggravji mressqa minnu fil-verita' dawn ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala aggravji fil-veru sens tal-kelma.

Illi b'hekk jonqos li jiġi mistħarreġ l-aħħar aggravju mressaq mill-appellant li huwa dak li jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Huwa jargumenta li l-piena hija waħda eżaġerata tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-Qorti jirriżultalha li tul is-smiegħ ta' dan l-appell, l-appellant ħallas l-ammont dovut minnu lil *parte civile* u li da parte tagħha l-*parte civile* nfurmat lill-Qorti li l-ammont kollu relatat mal-proċeduri odjerni ġie saldat u li kienet qed tirrinunzja għal dak li huwa rinunzjabbli.

Illi stante illi l-ewwel imputazzjoni in kwistjoni hija kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li għad illi mhux normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata ħlief jekk dik il-Qorti ma setgħetx raġonevolment u legalment tasal għal dik

il-konklużjoni, madanakollu l-iskop tal-leġislatur kif espress f'Artikolu 338(ż) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ntlaħaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' ħlas tal-ammont kollu dovut. In fatti, kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Publius Said** (Numru 124/2003) mogħtija fid-9 ta' Lulju 2003, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti tinnota li hemm lok li jkun hemm temperament fil-piena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet ħtija fl-appellant għall-imputazzjonijiet addebitati lilu, tgħaddi biex tvarja l-piena nflitta u wara li rat Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettiex reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**